KAMRA TAD-DEPUTATI | MALTA | HOUSE OF REPRESENTATIVES

13 ta' Novembru 2017

**Onor. Edward Zammit Lewis**
**President**
**Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej**
**Parlament ta' Malta**
**Valletta**

Għażiż Sur President,

Il-membri fi ħdan dan il-Kumitat u firmatarji ta' din l-ittra jipproponu li, fl-ewwel seduta ta' dan il-Kumitat, jibda jiġi diskuss il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, sabiex nagħrfu aħjar l-effetti u l-konsegwenzi ta' dan il-pass fuq Malta u fuq il-bqija tal-Unjoni Ewropea.

Nifhmu li l-Gvern kien waqqaf Kumitat f'Settembru ta' din is-sena, imsejjaħ 'Malta-UK Business Promotion Taskforce', li qed ningħataw x'nifhmu li qiegħed jiffoka l-aktar fuq l-aspett kummerċjali.

Hemm, però, aspetti oħra li jixirqu attenzjoni, speċjalment dak marbut mal-moviment liberu taċ-ċittadini Ewropej. Dwar dan u aspetti oħrajn il-Gvern kien, fil-bidu, ta l-informazzjoni li l-ministeri varji kienu diġà ppreparaw rapporti fuq l-effetti tal-imsemmija Brexit.

Għalhekk nipproponu li tiġi ffissata seduta sabiex nibdew niddiskutu dan, li għaliha possibilment għandu jiġi mistieden jattendi s-Sur Joseph Zammit Tabona, f'isem il-'Malta-UK Business Promotion Taskforce'.

Għoddna tiegħek.

**Carmelo Mifsud Bonnici**

**David Stellini**